**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 4 ta' Novembru 2019**

Numru 11

**Fl-atti tar-Rikors Nru. 63/2019**

**Marion Pace Axiaq, Robert Aquilina, Simon Sansone, Pia Zammit u Emanuel Delia f'isem Repubblika, assocjazzjoni li hi registrata bhala persuna guridika mar-Registratur ghal Persuni Guridici**

**vs**

**L-Onor Prim Ministru u L-Onor Ministru ghall-Gustizzja u b'sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali tas-27 ta' Settembru 2019 l-Onor Ministru ghall-Gustizzja gie liberat mil-osservanza tal-gudizzju, u b'digriet tas-17 ta' Ottubru 2019 Dr Joseph Brincat intervjena fil-kawza in statu et terminis**

**Il-Qorti,**

Rat ir-risposta ipprezentata mill-intervenut fil-kawza Dr Joseph Brincat fit-18 ta' Ottubru 2019.

Rat id-digriet tal-Qorti tas-17 ta' Ottubru 2019 li qajmet il-kwezit jekk kienx permissibbli li tigi prezentata risposta f'dan l-istadju tal-proceduri.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2019.

**Ikkunsidrat**

L-intervenut fil-kawza, bla ebda ordni jew permess tal-Qorti qabad u ressaq risposta ghal kawza. L-istitut tal-intervenut fil-kawza ifisser li l-intervenut ma jidholx bhala parti, a distinzjoni mill-imsejjah fil-kawza, u jidhol fil-kawza fl-istadju li tkun waslet. La darba l-intervenut dahal fl-istadju li l-proceduri bil-miktub ikunu inghalqu, dan jorbot lill-intervenut u kull min bhalu jista' jaghzel li jidhol fil-kawza. Sakemm ma tinoloqx cirkostanza fejn b'rieda espressa tal-ligi (ara artikoli 728, 731 u 732 tal-Kap. 12) dak l-istadju jerga' jinfetah, ir-rimedju ghall-intervenut hu li jressaq atti li jigbru fil-qosor ir-ragunijiet tieghu fil-kawza u jaghmel is-sottomissjonijiet li jidhirlu xierqa fuq l-atti tal-kawza kif inhuma. Ara f'dan is-sens **Paul Fiorentino et vs Davis Jones et**, App 05/10/2018); **Redent Briffa et vs Etienne Brincat et**, PA 19/06/2012; **John Xuereb et vs John Hili et**, App 30/09/2016).

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, billi l-intervenut fil-kawza ma segwiex il-ligi, qed tisfilza r-risposta prezentata mill-intervenut fit-18 ta' Ottubru 2019. Spejjez ghall-intervenut.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur